**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU SITTAX**

**9 ta' AWWISSU 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**16.** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

16.1.1 Fir-rigward ta' punt 14.2.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li x-xogħol ta' manutenzjoni fuq l-istatwa ta' Santa Marija tlesta, imma l-Uffiċċju tal-Prim Ministru talab rapport mill-perit tal-Kunsill fuq ix-xogħol li sar.

Kien hemm qbil li l-perit jintalab jispezzjona x-xogħol li sar u jagħmel rapport tax-xogħol biex ikun jista jintbagħat lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Kien hemm qbil li l-membri jkunu avżati meta jkun ser jitla' l-perit.

16.1.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-EUC ser jagħmlu pjanti madwar l-istatwa għalhekk m'hemmx ħtieġa li l-Kumitat Amministrattiv joħroġ fondi għalihom.

16.1.3 Fir-rigward ta' punt 14.6.10 kien hemm qbil li terġa tintbagħat reminder.

16.1.4 Fir-rigward ta' punt 14.6.7 il-membru Nettu Bugeja qal

li għamel il-manutenzjoni meħtieġa hu personali.

16.1.5 Fir-rigward tal-minuti tas-seduta li saret b'urġenza numru 15 il-membru Joseph D'Amato ried jiċċara ċertu punti minħabba li hu ma kienx preżenti.

16.1.6 Il-punti qrahom minn fuq noti li għamel hu stess u kif lesta tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv biex tniżżilhom eżatt fil-minuti ta' din is-seduta.

*16.1.7* *'Rigward punt 15.1.2 jien Joe D'Amato qed nipproduċi estratt tal-minuti tal-laqgħa numru 14 fejn hemm miktub 'kien hemm qbil li s-SE tavża lil-KA kemm kien fadal fondi mill-budget tas-sena 2010 u l-KA jiddeċiedi jekk jissottomettix il-proġett taż-żewġ toroq – Triq it-Torri u Triq in-Nigret jew ta' Triq waħda'. Il-ftehim kien ċar daqs il-kristall. Tant hu hekk li kważi l-membri kollha taw l-opinjoni tagħhom fuq dawn it-toroq BISS għax fuq dawk it-toroq kien il-ftehim.*

*F'punt 15.1.3 iċ-Chairpseron ikkonferma wkoll dak li għidt jien Joe D'Amato, jiġifieri li s dak inhar kien għadu ma qalx kemm u liema toroq ser isiru stimi tagħhom. Għalkemm fl-opinjoni tiegħi xorta ma kienx hemm bżonn li jinġiebu aktar stimi, jien jidhirli li l-ewwel kellu jgħid kemm u liema toroq biex jara jekk naqblux u mhux naqblu li jsiru stimi oħra mingħajr ma' nafu liema huma t-toroq.*

*Fuq il-qagħda finanzjarja, nerġa nsostni dak li għidt jien Joe D'Amato, fejn spjegajt kif għandu jiġi ffinanzjat dan il-proġett. Din l-opinjoni tiegħi kienet l-istess bħal ta' oħrajn fil-kumitat u anke opinjoni ta' nies tekniċi. Għalkemm l-opinjoni taċ-Chairperson għandha tiġi rispettata wkoll, jien ċert li din kienet biss kwistjoni ta' ppjanar bil-għaqal.*

*Rigward punt 15.1.6 reġa kkonferma li għidt jien. Ammetta li se jkun hemm spiża żejda, imma li din se tkun minima. Jien ma nafx minima xi tfisser, pero' xorta spiża żejda. U jekk it-toroq isiru snin oħra kif inkiteb fil-minuti, jista jagħti l-każ li jkun hemm xi perit differenti ? Kemm se tkun l-ispiża mbagħad?*

*Sallum għadni ma nistax nifhem x'inhi r-raġuni li nbidlet deċiżjoni li kważi kien qabel magħha kulħadd. Deċiżjoni li suppost inbidlet minħabba xi ftit elefu ta' euros. Deċiżjoni li meta tqies il-value for money ta' kemm residenti se jgawdu minn dan ilproġett, kemm konna niffrankaw patching f'sena fit-toroq ikkonċernati*

*u l-ispejjeż tal-perit żgur li aħjar ma bdilna xejn.'*

16.1.8 Il-Membru Nettu Bugeja staqsa lill-membru D'Amato għalfejn kien hemm il-bżonn li jikteb lid-Dipartiment fuq din il-kwistjoni, meta kellu ċ-ċans kollu li jitlob għal-laqgħa b'urġenza u jiġi diskuss kollox madwar mejda.

Il-membru Joseph D'Amato wieġeb li hu kien kiteb lid-Dipartiment għax jemmen li Bubaqra tkun aħjar bid-deċiżjoni li kien ħa l-istess KA fis-seduta numru 14.

16.1.9 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hu beda jibgħat korrispondenza b'emails minħabba l-urġenza tal-każ li kien hemm id-data tal-iskadenza biex il-Kumitat Amministrattiv jissupplixxi l-applikazzjoni tiegħu.

Hu żied jgħid li ssuġġerixxa li jiġu mkejla toroq oħra mill-Perit wara li nduna bl-iżball li għamel l-istess perit meta ma mexiex mal-pjanta li tah il-Kumitat Amministrattiv permess tas-Segretarju Eżekuttiv, fejn kien ta stima ta' parti biss minn Triq it-Torri minflok ta' triq sħieħa.

16.1.10 Il-membru Joseph Caruana qal li f'Bubaqra, minn kemm ilu l-Kumitat Amministrattiv sar ħafna xogħol u ma jarax il-bżonn li jsiru spejjeż aktar milli l-Kumitat jiflaħ. Hu żied jgħid li l-Kumitat Amministrattiv irid iżomm fondi għal dak kollu li jista jinqala u li Triq it-Torri kollha inkluż il-parti li kejjel il-perit ser tlaħħaq is-36,000Euro u mhux kif qed jallega l-membru D'Amato li 26,000Euro.

16.1.11 Iċ-Chairperson u l-Viċi Chairperson Maria Schembri flimkien mal-membru Joseph Caruana qablu li l-informazzjoni li ta l-membru Joseph D'Amato lid-Dipartiment ma kienetx korretta fejn tirrigwardja l-qagħda finanzjarja tal-KA, minħabba li l-fondi li semma l-membru D'Amato kienu ser jittieħdu mill-budget ta' din is-sena li għadha mhux lesta u għalhekk ma jafx x'għad irid jinqala.

16.1.12 Iċ-Chairperson żgura lill-dawk preżenti li Triq it-Torri għad trid issir mill-KA sa kemm itemm il-leġilatura tiegħu imma kollhox irid jimxi tarġa tarġa.

16.1.13 Il-membru Nettu Bugeja qal li hu ilu joqgħod f'Bubaqra mis-sena 1993 u jħoss li kien hemm negliġenza kbira f'Bubaqra mill-Kunsill Lokali.

16.1.14 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri ikkonfermat dak li

qal il-membru Bugeja u hi żieded tgħid li ilha toqgħod f'Bubaqra mis-sena 1986 u tħoss li għalkemm għamlet diversi ilmenti kemm lill-Kunsillier Joseph D'Amato u kemm waqt il-laqgħat Annwali xorta baqa' ma sar xejn.

16.1.15 Il-membru Joseph D'Amato ma qabilx ma dan kollu u qal li f'seduta oħra tal-KA ser jissottometti rapport ta' dak kollu li għamel il-Kunsill Lokali bis-saħħa tal-membri li kienu fil-kumitat ta' Bubaqra qabel inħatar il-Kumitat Amministrattiv.

16.1.16 Il-minuti tas-seduti numri 14 u 15 ġew approvati.

**16.2 Laqgħa ma' rappreżentanza tas-Soċjeta' Mużikali St.Katarina VM**

16.2.1 Din il-laqgħa ma' rappreżentant tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina saret biex tiġi diskussa l-attivita' kulturali li l-Kumitat Amministrattiv ta'Bubaqra ser japplika għaliha sabiex jingħata fondi neċessarji u titellgħa fis-sena 2012, bil-kollaborazzjoni tal-istess soċjeta'.

16.2.2 Is-Soċjeta' tat l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex il-KA jkun jista japplika għal-tali fondi. L-isem tal-attivita' hu 'Tieġ Tradizzjonali Malti'.

Kien hemm qbil li dak kollu li l-KA ser jingħata mid-Dipartiment fuq din l-attivita', ser jiġu mħallsa l-ispejjeż involuti, hekk kif sar fl-attivita' li saret f'din is-sena.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia informa lil dawk preżenti li bħal ma sar f'din is-sena, l-KA ikollu bżonn l-invoices u l-irċevuti fiskali kif ikun meħtieġ mid-Dipartiment.

16.2.3 Is-Sur Charles Tanti – rappreżentant tas-Soċjeta' ssuġġerixxa dawn id-dati għall-attivita' –
l-ewwel preferenza – 26 ta' Mejju u għat-tieni preferenza 19 ta' Mejju.

Kien hemm qbil fuq dan kollu

16.2.4 Għas-seduta tal-lum kienu mistiedna ukoll rappreżentanti tal-għaqda ZAK u tal-Għaqda Karmelitanta u Banda QV minħabba li wrew interess f'attivita' kulturali għas-sena 2012.

16.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil dawk preżenti li ZAK

ma rrispondewx għall-ebda email li għamlilhom il-KA, filwaqt li l-Għaqda Karmelitana u Banda QV qalet li fadallha tiġbor stimi mingħand kumpaniji diversi u ma laħietx mad-data tal-iskadenza. Illum kienu mistiedna li jattendu imma ma attenda ħadd mill-Għaqda.

16.2.6 F'dan l-istadju l-membru Joseph D'Amato qal li hu ma qabilx li l-KA ta ċans lil għaqdiet li ma laqħqux mad-data tal-għeluq tal-ewwel ittra tal-KA għax setgħa kien ta' detriment għas-Soċjeta' li kienet konformi mad-data u mal-informazzjoni mitluba.

F'dan il-punt żied jgħid li hu jippreferi li minflok li l-KA joħroġ fondi għall-attivitajiet kulturali, jagħmel triq bit-tarmak.

Iċ-Chairperson wieġeb li l-KA mhux għat-toroq biss qiegħed, imma biex jara li jilħaq kull aspett tar-residenti.

16.2.7 Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Għaqda Karmelitana u Banda QV li t-talba tagħhom fir-rigward tal-attivita' kulturali ma ġietx milqgħuha għal din is-sena minħabba l-iskadenza tal-applikazzjoni li l-KA għad irid jissottometti lid-Dipartiment. Fl-ittra jiżdied il-punt li hu mixtieq li għas-sena 2013 l-għaqda tkun aktar preparata sabiex tissottometti l-proposta fil-ħin.

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li din is-sena jiddispjaċiha li din l-Għaqda tista ttella' l-istess attivita' f'Bubaqra bil-permess tal-KA.

***16.3 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia wera pjanta ta' proġett li hu maħsub li jsir fi Triq Fra Ġan Marie Zammit bil-għajnuna tal-Kunsillier Dino Bonnici u tal-EUC mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Din il-pjanta tikkonsisti fi ġnien żgħir li jsir fl-art mitluqa li hemm fit-triq imsemmija.

Hu żied jgħid li l-uniku spiża li ser ikun involut fiha l-KA ser tkun ta' fanali biex idawwlu l-akwata.

Kien hemm qbil fuq dan il-proġett u li l-KA jiċċekja mad-Dipartiment tal-Artijiet fuq l-art imsemmija u fuq il-permessi meħtieġa mal-Perit tal-Kunsill.

16.3.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-KA peremss tas-Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob aktar informazzjoni fuq l-Bus shelters li kellhom jiġu installati u għaliex qed

jieħdu daqshekk fit-tul biex isiru u fejn ser isiru eżatt.

16.3.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li residenti minn St Agatha complex qed jerġgħu joħorġu l-iskart tagħhom wara li jagħddi l-kollettur u qed jipparkjaw fuq il-yellow lines. Hu qal li waqt laqgħa li hu u l-Kunsillier Raymond Grixti kellhom ma' rappreżenanti minn dan il-kumpless kienu mwegħda li ser jitwaħħlu CCTV u jittieħdu l-passi ta' min jagħmel xi kontravenzjoni. Dan is-CCTV qatt ma saru u għalhekk talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa tikteb lil min hu responsabbli mill-kumpless.

16.3.4 Iċ-Chairperson talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u tistaqsi jekk l-KA jistax ikompli għaddej bix-xogħol tiegħu wara li jkunu saru laqgħat mill-istess KA u ma jiġux approvati waqt seduta tal-Kunsill Lokali għax ma jkunx hemm kworum. Dan qed iħalli lill-KA wieqaf milli jkompli f'xogħol tiegħu.

***16.4 Ilmenti u Suġġerimenti***

16.4.1 Il-Viċi Chairperson qalet li l-art li hemm f'nofs Triq il-Qiegħa qed isservi ta' post fejn ir-residenti jitfgħu l-iskart tagħhom.
Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li jeħtieġ li jiġu ordnati tabelli li jindikaw 'tagħrmix skart', u kien hemm qbil li titwaħħal tabella fuq il-post sakemm jinbeda x-xogħol ppjanat.

16.4.2 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li l-Bring in Site ta' Triq kalang Bugeja mhux qed tintuża sew u li l-filming tas-CCTV li hemm imwaħħla fil-post għalkemm intalab, qatt ma wasal.

Kien hemm qbil li s-SE tikteb lill-Kumanija Green MT fuq dan ir-rigward u jekk il-każ ikun li tali CCTV huma finta, din il-kumpanija tiġi rrappurtatha lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u jitneħħew mit-triq.

Il-Kumpanija għandha tingħata 15 –il ġurnata ċans minn meta tirċievi l-ittra.

16.4.3 Il-membru Joseph Caruana staqsa fuq patching kbira li saret quddiem dar 141 fi Triq San Martin. Il-membru Joseph D'Amato wieġeb li din il-manutenzjoni saret mill-KA, fejn qabel ma saret kien informa lill-membru

Caruana fuqha. Żied jgħid li flimkien mal-manutenzjoni fi Triq San Martin saret oħra fejn il-kappella ta' Santa Marija.

Il-membru Joseph Caruana qal li jeħtieg li l-Kuntrattur jerġa jiġi avżat li meta jkun ser jitla' jagħmel xi xogħol f'Bubaqra għandu javża lill-KA.

16.4.4 Il-membru Joseph Caruana qal li f'dawn it-toroq jeħtieġ li jinqata' l-ħaxix – Triq Santa Marija, Triq ir-Rettur, Triq San Martin viċin il-proġett u Triq Kalang Bugeja.

16.4.5 Il-membru Joseph Caruana staqsa meta f'bubaqra ser issir xi playing field.
Il-membru Joseph D'Amato qal li minbarra li għall-playing field maħsuba li ssir fi Triq il-Qiegħa m'hemmx fondi biżżejjed u jkun ċert minn dan wara li jitlesta l-proġett fi Triq l-iskulturi Fabri, l-art ta' Triq il-Qiegħa jonqos li jinġieb il-permess tad-dipartiment tal-Artijiet. Kien hemm qbil li ċ-Chairperson jitkellem ma xi persuna li jaf biex jinsisti sabiex il-permess meħtieġ jinħareġ, ħalli tal-inqas jittella' boundary wall, sabiex l-art tinżamm nadifa.

16.4.6 Il-membru Nettu Bugeja qal li fi Triq l-Iskulturi Fabri u fi Triq l-Arċipriet E Mifsud hemm bżonn li jsir il-patching.

16.4.7 Il-membru Nettu Bugeja qal li jipproponi li l-ewwel isem ta' triq ġdida f'bubaqra jingħata għall-persuna li tat l-art tagħha biex tinbena l-kappella ta' Santa Marija fejn tinsab illum. Kien hemm qbil fuq dan u l-membru għandu jagħti aktar informazzjoni fuq din il-persuna lis-SE.

16.4.8 Il-membru Nettu Bugeja qal li jeħtieġ li jinqata' l-ħaxix minn Triq l-Imwieġel u Triq il-qortin u meta jinqata' jinġabar mill-ewwel għax jispiċċa jittajjar bir-riħ.

Hu żied jgħid li mhux qed jitla' kennies fi Triq it-Tin u li hemm xi trakkijiet qed jgħaddu mit-triq ta' bejn il-kappella u ċ-ċimiterju.

Is-SE infurmat li sr tirrapporta il-każijiet kollha.

16.4.9 Il-membru Nettu Bugeja qal li qed ikollu ħafna lmenti minn residenti viċin iċ-ċimiterju li qed jaraw ħafna wirdien ħerġin minn ġo fih.

Kien hemm qbil li terġa tinkiteb email lill-Arċipriet minħabba li hu dover u obbligu tiegħu li jieħu ħsieb il-każ.

16.4.10 Il-membru Joseph D'Amato qal li fi Triq San martin tneħħa arblu minn ġot triq u tġoġġa fil-ħamrija. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Enemalta cc. Graziella Galea fuq dan il-każ.

F'Dan il-punt iċ-Chairperson qal li ġie nfurmat li f'dan il-post ser jiġu mħawla siġar taż-żebbuġ li ser jiġu maqlugħa minn raħal ieħor u ser isiru marki ta' parkeġġ mit-TM stess.

16.4.11 Il-membru Joseph D'Amato qal li jeħtieġ li ġaladarba ż-zebra crossing fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin mhux ser issir, għandha titneħħa l-bankina li kienet saret. Kien hemm qbil fuq dan.

16.4.12 F'Dan il-punt il-Viċi Chairperson Maria Schembri saħqet kemm ġiet perikoluż z-zebra crossing ta' Vjal l-Indipendenza k/m Triq Bubaqra. Iċ-Chairperson qal li jinsabu fi proċess li jinxtegħel id-dawl tal-bellishia lights.

16.4.12 Il-membru Joseph D'amato qal li jeħtieġ li l-KA jinsisti sabiex Triq Dun Nard Mallia ssir bit-tarmakk hekk kif kien miftiehem waqt laqgħa li saret mat-TM fejn kien hemm preżenti diversi persuni. Dan isir fuq l-istess merti li ser issir Triq Kalang Bugeja.

***16.5 Appuntament għas-seduta li jmiss***

16.5.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tlieta t-13ta' Settembru, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

16.5.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Settembru, 2011.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**